# Dawn il-Mistoqsijiet u Tweġibiet għandhom jinqraw mal- avviż pubbliku maħruġ mill-MFSA rigward Nemea Bank plc.

***Depożiti***

## *1. Nista' niddepożita fondi fil-kont tiegħi mal-Bank Nemea?*

Le. Id-depożitanti qed jingħataw struzzjonijiet biex ma jpoġġux depożiti addizjonali fil-kontijiet tagħhom.

## *2. Għaliex m'aħniex qed nitħallew niddepożitaw aktar fondi mal-bank?*

Qed jittieħdu miżuri b'referenza speċifika għall-Bank wara li saret spezzjoni fuq is-sit f'dan il-Bank, spezzjoni li saret b'mod konġunt ma' membri ta' DGMSIII tal-Bank Ċentrali Ewropew ('BĊE') u li kienet finalizzata f'April 2016. Bħala riżultat ta' din l-ispezzjoni konġunta, numru ta' nuqqasijiet serji ta' natura regolatorja ġew identifikati.

Fid-dawl ta' dan, id-depożitanti qed jingħataw struzzjonijiet li ma jpoġġux depożiti addizzjonali sakemm jinħareġ avviż ieħor.

## *3. X'se jiġri minn pagamenti futuri li jistgħu jidħlu fil-kontijiet tiegħi?*

Se tiġi infurmat mill-Bank Nemea li l-pagament qed jinżamm milli jitħallas temporanjament. Se tingħata struzzjonijiet biex tipprovdi dettalji ta' kont alternattiv ma' bank ieħor u l-fondi jiġu trasferiti lejn dan il-bank mingħajr spejjeż addizzjonali.

## *4. X'jiġri jekk xi ħadd ieħor jipprova jittrasferixxi fondi fil-kont tiegħi?*

Jekk l-istruzzjonijiet ta' trasferiment ta' flus waslu għand il-bank wara s-2 ta' wara nofsinhar tas-26 ta' April 2016 (ħin lokali), se tiġi nfurmat mill-Bank Nemea li l-pagament qed jinżamm milli jitħallas temporanjament u se tingħata struzzjonijiet biex tipprovdi dettalji ta' kont alternattiv ma' bank ieħor u l-fondi jiġu trasferiti lejn dan il-bank mingħajr spejjeż addizzjonali.

5. ***L-imgħax dovut lili se jibqa' jitħallas? Jekk iva, fejn se nirċievi dan l-imgħax?***

| |
|---|
| Iva. Kull imgħax dovut u kwalunkwe termini u kundizzjonijiet marbuta mal-kontijiet tiegħek se jibqgħu l-istess. L-imgħax jista' jiġi trasferut lejn kont alternattiv fuq talba tiegħek. |

6. ***Il-kontijiet tiegħi li huma denominati f'muniti barranin se jintlaqtu? Nista' niddepożita/niġbed minn dawn il-kontijiet?***

| |
|---|
| Kontijiet denominati f'munita barranija se jkunu trattati bl-istess mod bħal kontijiet denominati fl-ewro. |

7. ***'Client accounts' miżmuma mal-Bank Nemea minn operaturi se jintlaqtu minn dawn ir-restrizzjonijiet?***

| |
|---|
| Ir-restrizzjonijiet imposti mill-Awtorità japplikaw ukoll għal 'client accounts'. |

***Ġbid ta' flus***

9. ***Nista' niġbed il-flus mill-kont tiegħi?***

| |
|---|
| Kull depożitant tal-Bank jista' jiġbed sa €2,500 kuljum (1). |

10. ***Nista' nibgħat pagamenti mill-kont tiegħi?***

| |
|---|
| Iva, kull depożitant jista' jagħmel dan sa massimu ta' €2,500 kuljum. |

11. ***Direct debits/standing orders se jibqgħu joperaw? Jekk iva, kif?***

| |
|---|
| Iva, suġġett għar-restrizzjonijiet imposti mill-Awtorità. |

12. ***Nista' nagħlaq il-kont ta' depożitu fiss tiegħi?***

| |
|---|
| Le, it-termini oriġinali tad-depożitu fuq terminu fiss jibqgħu japplikaw. |

13. ***Nista' niġbed il-flus wara li jimmatura kont ta' depożitu fuq terminu fiss?***

| |
|---|
| Meta jiskadi kont ta' depożitu fiss, l-ammont prinċipali investit, flimkien mal-pagament ta' imgħax iġġenerat, jiġi trasferit lejn il-kont kurrenti tal-klijent kif jiġri f'ċirkostanzi normali. Il-klijenti jistgħu jittrasferixxu l-fondi mill-kont kurrenti tagħhom sa massimu ta' 250 ewro kuljum. |

[1] Dan l-ammont kien rivedut minn 250 ewro għal 2,500 ewro fit-18 ta' Lulju 2016. Ara l-Avviż tal-MFSA.

***Skema ta' Kumpens lid-Depożitant***

### *14. X'se jiġri mid-depożitu tiegħi jekk il-Bank Nemea ma jkunx f'pożizzjoni li jħallas lura d-depożitu tiegħi?*

Fil-każ li l-MFSA u l-BĊE jiddeterminaw li l-operazzjonijiet tal-bank m'għadhomx aktar vijabbli, l-Iskema ta' Kumpens lid-Depożitant f'Malta se tkopri depożiti sa massimu ta' €100,0000 kull depożitant. Aktar dettalji jistgħu jinkisbu permezz tat-telefon +356 2144 1155 jew email info@compensationschemes.org.mt

***Mistoqsijiet Ġenerali***

### *15. X'qed tagħmel l-Awtorità biex tindirizza s-sitwazzjoni?*

L-Awtorità appuntat 'persuna kompetenti' skont it-termini tal-Artikolu 29 tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju u l-Att dwar Servizzi ta' Investiment biex tieħu r-responsabbiltà tal-assi tal-bank u tassumi l-kontroll tan-negozju tal-Bank biex tissalvagwardja l-interessi tad-depożitanti u tal-klijenti ta' servizzi ta' investiment.

Sa mill-impożizzjoni tar-restrizzjonijiet, l-azzjonisti tal-Bank poġġew fondi ġodda skont id-Direttiva tal-MFSA. Sadanittant, l-Awtorità qed tikkorrispondi mal-azzjonisti bl-għan li tittieħed l-azzjoni meħtieġa biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet regolatorji biex l-Awtorità tkun f'pożizzjoni li tnaqqas gradwalment restrizzjonijiet oħra li bħalissa japplikaw għal dan il-Bank.

L-Awtorità se tikkunsidra tieħu azzjonijiet ulterjuri skont kif meħtieġ.

### *16. Dawn ir-restrizzjonijiet qed jiġu imposti fuq bażi indefinita?*

L-Awtorità tinforma lill-pubbliku fil-mument li l-miżuri jitneħħew.

### *17. X'se jkunu l-implikazzjonijiet għall-istabbiltà ekonomika u finanzjarja ta' Malta?*

Il-Bank Nemea huwa bank żgħir li beda l-operazzjonijiet tiegħu ta' teħid ta' depożiti riċentement f'Ottubru 2014. Fid-dawl ta' dan, ir-restrizzjonijiet fuq il-bank mhumiex mistennija li jħallu impatt fuq is-saħħa tas-settur bankarju Malti li għandu kapitalizzazzjoni b'saħħitha u riżorsi adegwati.

### *18. Għaliex l-Awtorità appuntat persuna kompetenti f'termini tal-Artikolu 29(1)(c) u (d) tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta)?*

| |
|---|
| Skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, l-Awtorità għandha setgħat wiesa' li tintervjeni fl-operat ta' bank biex taċċerta li l-interessi tad-depożitanti u l-investituri jiġu mħarsa. |

### *19. L-Awtorità qed tikkunsidra miżuri simili b'rabta ma' banek oħra?*

| |
|---|
| Le. Dawn il-miżuri ttieħdu speċifikament b'relazzjoni mal-Bank Nemea. |

**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-aħħar aġġornament: 19 ta' Lulju 2016**